MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Jannar, 2017

Rikors Maħluf Numru: 984/15 LM

**Credorax Bank Limited**

**vs.**

**Internet TV Limited (C 49491) u Online Ethnic TV Services Inc (numru ta' reġistrazzjoni 2259622) u b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2016 ġew nominati bħala kuraturi deputati l-Avukat Dr Joseph Ellis u l-P.L. Jeremy Buttigieg biex jirrappreżentaw lil Online Ethnic TV Services Inc (numru ta' reġistrazzjoni 2259622)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Credorax Bank Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat u maħluf mill-avukat Frederick Ellul fis-16 ta' Ottubru, 2015, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kumpanija rikorrenti hija acquiring bank, ossia istituzzjoni finanzjarja li tipprovdi servizzi ta' proċessar ta' pagamenti bi credit u debit cards għall-klijenti (merchants u cardholders) tagħha.*

2. *Illi fit-3 ta' Marzu, 2011, ir-rikorrenti daħlet f'merchant agreement mal-kumpannija intimata Internet TV Limited, kopja ta' liema annessa u mmarkata Dok CBL1, permezz ta' liema r-rikorrenti intrabret li tipprovdi s-servizzi tagħha lil Internet TV Limited għal rati stabbiliti fl-istess kuntratt.*

3. *Illi fid-29 ta' Jannar, 2015, il-kumpannija intimata Online Ethnic TV Services Inc iggarantiet u assumiet flimkien ma' Internet TV Limited l-obbligi, responsabbilitajiet u djun li Internet TV Limited seta' jkollha a favur ir-rikorrenti, kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok CBL2.*

4. *Illi tul il-kors tal-provviżjoni tas-servizzi tagħha, ir-rikorrenti rċeviet informazzjoni minn MasterCard, credit card association ta' liema r-rikorrenti hija membru, permezz tal-ittra tal-15 ta' Lulju, 2015. Kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok CBL3, li l-kumpannija intimata Internet TV Limited kienet potenzjalment qiegħda tikser drittijiet ta' proprjetà intellettwali, liema fatt seta' jrendi lir-rikorrenti mhux konformi mal-MasterCard Standards li r-rikorrenti trid tosserva sabiex tipprovdi s-servizzi tagħha.*

5. *Illi din l-informazzjoni mhux biss affettwat severament ir-reputazzjoni tar-rikorrenti, iżda wkoll dik il-credit card association ta' reputazzjoni globali MasterCard, ma' liema assoċjazzjoni r-rikorrenti għandha relazzjoni importanti immens tenut kont is-servizzi li toffri.*

6. *Illi in vista tas-suespost, fil-21 ta' Lulju, 2015, ir-rikorrenti tterminat il-merchant agreement suriferit bejn il-partijiet, kif jidher mill-kopja tal-ittra mibgħuta lill-kumpannija intimata Internet TV Limited annessa u mmarkat Dok CBL4, a bażi tal-klawsola XII-B-14 tal-General Terms and Conditions (Schedule 4) tal-ftehim bejn il-partijiet, li tipprovdi li*

   > *Without prejudice to the foregoing, CredoRax reserves the right to exercise immediate termination of the Agreement, whether in relation to all or any one or more of the Cards,*
   >
   > *If any event or a series of events occur, which in CredoRax's opinion may affect the Merchant's ability of willingness to comply with any of his obligations under this Agreement or may damage Credorax's reputation or that of any International Payment System.*

7. *Illi sussegwentement fit-3 ta' Settembru, 2015, ir-rikorrenti ġiet infurmata permezz ta' ittra li kopja tagħha hija annessa u mmarkata Dok CBL5 minn MasterCard li l-investigazzjoni rigward il-kumpannija intimata Internet TV Limited kienu wasslu għall-konklużjoni li din tal-aħħar kienet fil-fatt kisret drittijiet ta' proprjetà intelletwali u b'riżultat ta' dan, ir-rikorrenti ġiet immultata s-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf, mija u tnejn u tmenin dollaru Amerikan ($124,182.00), ġja mija u disat elef, mija u sitta u tletin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€109,136.76).*

8. *Illi r-rikorrenti għamlet diversi tentattivi sabiex tikkuntattja lill-kumpannija intimata Internet TV Limited għall-ħlas tal-bilanċ dovut għas-servizzi reżi minnha, kif ukoll għall-ħlas tal-multa imposta minn MasterCard, inkluż permezz tal-ittra mibgħuta fil-15 ta' Settembru, 2015, biż-żewġ kumpanniji intimati, kif jidher mid-dokumenti annessi u*

*mmarkati rispettivament Dok CBL6(a) u (b), għal liema komunikazzjonijiet iżda ma kien hemm l-ebda risposta u l-ammont baqa' ma tħallasx.*

9. *Illi llum jirriżulta li l-intimati jew min minnhom huma debituri tar-rikorrenti fil-bilanċ pendenti ta' tlieta u disgħin elf, tliet mija u ħdax-il euro dollaru Amerikan u disgħa u tmenin ċenteżmu ($93,311.89), ġjà wieħed u tmenin elf, tmin mija u sebgħa u disgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€81,897.35), kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok CBL7, oltre imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-att odjern sad-data tal-pagament effettiv u spejjeż legali tal-proċeduri odjerni kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 1565/15 ippreżentat fit-2 ta' Ottubru, 2015, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok CBL8.*

*Għaldaqstant il-kumpannija rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kumpanniji intimati jew min minnhom huma debituri tal-kumpannija rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u disgħin elf, tliet mija u ħdax-il dollaru Amerikan u disgħa u tmenin ċenteżmu ($93,311.89), ġjà wieħed u tmenin elf, tmin mija u sebgħa u disgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€81,897.35), oltre imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-att odjern sad-data tal-pagament effettiv u spejjeż legali tal-proċeduri odjerni kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 1565/15 ippreżentat fit-2 ta' Ottubru, 2015;*

2. *Tikkundanna lill-kumpannija intimati jew min minnhom għall-ħlas tal-ammont hekk likwidat.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Joseph Ellis u l-P.L. Jeremy Buttigieg maħturin biex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera konvenuta **Online Ethnic TV Services Inc** (minn issa 'l quddiem "il-kuraturi deputati") li taqra hekk:

1. *Illi huma fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Online Ethnic TV Services Inc. (Numru tar-Reġistrazzjoni 2259622) mhumiex preżentement edotti mill-fatti li taw lok għal dina l-kawża u għaldaqstant, jirriservaw illi jdaħħlu eċċezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu dak iddikjarat mis-soċjetà attriċi illi permezz tad-dokument CBL2, is-soċjetà konvenuta Online Ethnic TV Services Inc. daħlet garanti għas-soċjetà konvenuta Internet TV Ltd illi huwa ffirmat biss mid-direttur ta' dina s-soċjetà konvenuta Internet TV Ltd u mhux mis-soċjetà konvenuta Online Ethnic TV Ltd. Għaldaqstant, jirriżulta illi d-dokument CBL2 huwa res inter alios acta għas-soċjetà konvenuta Online Ethnic TV Services Inc. illi għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-affidavit tal-**avukat Frederick Ellul**, direttur tas-soċjetà attriċi[1], u d-depożizzjonijiet orali ta' **Dr Carl Gonzi[2]**, avukat u **Tracy Ann Micallef**[3], *senior accountant* rispettivament ta-soċjetà attriċi.

[1] A fol. 55 *et seq.*
[2] A fol. 100 *et seq.*
[3] A fol. 102 *et seq.*

Rat li l-kuraturi deputati li jirrappreżentaw lill-konvenuta soċjetà assenti **Online Ethnic TV Services Inc** ma ressqu l-ebda prova u lanqas għamlu kontroeżami tax-xhieda prodotti mis-soċjetà attriċi.

Rat illi s-soċjetà konvenuta **Internet TV Limited** ġiet notifikata bil-mezz tal-pubblikazzjoni iżda din baqgħet kontumaċi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-avukati difensur tas-soċjetà attriċi Dr Peter Fenech u lill-kuratur deputat Dr Joseph Ellis jittrattaw il-kawża.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum għas-sentenza bil-fakultà mogħtija skont l-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta lis-soċjetà konvenuta **Internet TV Limited** li tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet, iżda din baqgħet inadempjenti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata mis-soċjetà attriċi fid-29 ta' Novembru, 2016.

Rat in-nota ppreżentata mis-soċjetà attriċi fit-2 ta' Diċembru, 2016.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata fl-20 ta' Diċembru, 2016 mill-kuraturi deputati li jirrappreżentaw lill-konvenuta soċjetà assenti Online Ethnic TV Services Inc.

Rat in-nota replika ppreżentata fit-22 ta' Diċembru, 2016 mis-soċjetà attriċi Credorax Bank Limited.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawża li permezz tagħha is-soċjetà attriċi qiegħda titlob ħlas għal servizzi ta' *acquiring bank* ipprovduti minnha, iġifieri servizzi ta' pproċessar ta' pagamenti bi *credit* u *debit cards* lilha dovuti bis-saħħa ta' kuntratt, imsejjaħ *merchant agreement*, li għamlet mas-soċjetà konvenuta Internet TV Limited fit-3 ta' Marzu, 2011, b'rati ffissati fl-istess kuntratt, kif ukoll għal multa imposta fuqha minn MasterCard Credit Card Association li tagħha s-soċjetà attriċi hija membru, minħabba ksur ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali mis-soċjetà konvenuta Internet TV Limited.

Illi in sostenn tat-talba tagħha, is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-*merchant agreement*[4] u ta' e-mails mill-Mastercard datati 15 ta' Lulju, 2015 u 3 ta' Settembru, 2015.[5] **L-Avukat Frederick Ellul**, direttur tas-soċjetà attriċi, spjega li skont il-*merchant agreement*, Internet TV Limited kienet obbligata tħallas ir-

[4] Fol. 6 *et seq.*
[5] Fol. 37.

rati stabbiliti fil-kuntratt kif ukoll tagħmel tajjeb għal multi ta' kwalunkwe tip dovuti lil *card schemes* u awtoritajiet pubbliċi relatati mal-bejgħ ta' prodotti u servizzi. In vista tal-multa imposta minn MasterCard, is-soċjetà attriċi ddeċidiet li tittermina l-kuntratt li kellha ma' Internet TV Limited. **Dr Carl Gonzi**, avukat tas-soċjetà konvenuta kkonferma x-xhieda tal-avukat Ellul. **Tracy Ann Micallef**, *senior accountant* tal-istess soċjetà attriċi, filwaqt li kkonfermat l-i*statement* a fol. 48 u 49 tal-proċess, ipprečiżat li l-ammont dovut niżel bi ftit minn dakinhar tal-istatement (12 ta' Ottubru, 2016) sad-data ta' meta xehdet (14 t'April 2016) u sar US$92,413.60.

Illi l-unika eċċezzjoni mressqa mill-kuraturi deputati maħturin biex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera konvenuta Online Ethnic TV Services Inc. hi li s-soċjetà attriċi ma pproduċiet l-ebda prova li Online Ethnic TV Services Inc. daħlet garanti għas-soċjetà konvenuta l-oħra Internet TV Limited, billi d-dokument esebit mis-soċjetà attriċi[6] huwa biss riżoluzzjoni ulterjuri tal-bord tad-diretturi ta' Internet TV Limited. B'danakollu, kif anke jammetti l-kuratur deputat l-Avukat Dr Joseph Ellis waqt it-trattazzjoni bil-fomm, jirriżulta li effettivament l-istess riżoluzzjoni ulterjuri, għalkemm iffirmata mill-istess persuna, Gennady Beyn, dan iffirma kemm bħala direttur ta' Internet TV Limited kif ukoll bħala direttur għar-"Recipient" li skont ir-riżoluzzjoni oriġinali hija *"Online Ethnic TV Services Inc. having its' registered address at 765 Sheppard Ave West, Toronto, Ontario, Canada, M3H 2S9, registration number 2259622 (the 'Recepient')".* Effettivament, kif spjega l-abbli avukat tas-soċjetà

[6] Dok. CBL 2 a fol. 35.

attriċi waqt it-trattazzjoni bil-fomm, it-tieni soċjetà hija l-*parent company* tal-ewwel waħda. Għalhekk, din l-eċċezzjoni kjarament mhix sostenibbli u effettivament tista' titqies bħala li ġiet irtirata.

Waqt it-trattazzjoni bil-fomm iżda l-kuratur deputat beda jallega li l-effett tar-riżoluzzjoni ulterjuri hija ċirkoskritta mir-riżoluzzjoni oriġinali. Din l-allegazzjoni tammonta għal eċċezzjoni ġdida, magħmula wara l-għeluq tal-provi, u din il-Qorti mhijiex lesta li taċċetta eċċezzjonijiet bħal dawn ikkammuffati bħala sottomissjonijiet fi stadju meta jkun preklużi milli jsiru u a detriment tal-kontroparti li ma tkunx f'pożizzjoni li tippreżenta provi kuntrarji jew li tiddefendi ruħha b'xi mod ieħor.

Madankollu li kellha din il-Qorti tkun indulġenti mal-kuratur deputat, din is-sottomissjoni jew aħjar eċċezzjoni hija kompletament bla bażi. Tabilħaqq, ir-riżoluzzjoni ulterjuri tgħid li *"The Recipient shall be considered to have the same obligations, duties and liabilities as the Company* ***as set forth in the resolution****" (enfasi miżjuda mill-Qorti) and any claim that Credorax may make against the Company shall be deemed to be made also against the Recipient who shall be a party to any such proceedings and thereby Credorax reserves the right to seek redress against the Recipient".*

Illi skont ir-riżoluzzjoni oriġinali, il-pagament mill-istrumenti ta' kreditu kellhom jibdew jiġu akkreditati fil-kont ta' Online Ethnic TV Services minflok fil-kont ta' Internet TV Limited, "bil-kundizzjoni li Internet TV Limited tipprovdi

*board of directors resolution* iffirmata miż-żewġ kumpanniji intimati, li mhux biss tawtorizza din il-bidla imma wkoll li tiggarantixxi li l-kumpannija intimata Online Ethnic TV Services Inc. tassumi l-obbligi, responsabbilitajiet u djun li l-kumpannija intimata seta' jkollha a favur ir-rikorrenti, kif jidher mid-dokument anness mar-rikors ġuramentat u mmarkat Dok CBL 2." Kliem dan tal-Avukat Frederick Ellul li kien ħa sehem fin-negozjati dwar dan it-tibdil fil-*merchant agreement*.[7] Iż-żewġ riżoluzzjonijiet saru fid-29 ta' Jannar, 2015, u ċjoè qabel l-emails u l-multi imposti mill-MasterCard. Ir-riżoluzzjoni hija ċara fis-sens li bl-aċċettazzjoni tal-flus miġburin mis-soċjetà attriċi, is-soċjetà konvenuta estera Online Ethnic TV Services kienet qiegħda tassumi l-obbligi li dawn il-pagamenti jġorru magħhom, inkluż jekk ikunu konsegwenza ta' ħlas li ġej minn ksur ta' proprjetà intellettwali.

**<u>Decide</u>**

**Il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà estera konvenuta Online Ethnic TV Services u tilqa' t-talbiet attriċi billi tiddikjara u tiddeċiedi:**

**1. Illi s-soċjetajiet konvenuti Internet TV Limited u Online Ethnic TV Services Inc huma debituri solidalment bejniethom tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' US$92,413.60 ċioè €81,108.94, oltre l-imgħax legali mis-16 ta' Ottubru, 2016**

[7] Affidavit a fol 55 *et seq*.

**sad-data tal-pagament effettiv u spejjeż legali tal-proċeduri odjerni kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 1565/15 ippreżentat fit-2 ta' Ottubru, 2015;**

**2. Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti Internet TV Limited u Online Ethnic TV Services Inc *in solidum* bejniethom għall-ħlas tal-ammont hekk likwidat.**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1565/15 a kariku tas-soċjetajiet konvenuti.**

Moqrija